MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 15/2006

**Riccarda k/a Ludgarda Cini**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-Ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-appell.

Ikkunsidra:

Illi l-appellanti kienet beneficcjarja tal-Ghajnuna ghal Mard sal-31 ta' Marzu 2006 f' liema data din l-assistenza giet lilha mwaqqfa stante li d-Direttur ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha jew li kienet il-kap tal-familja. L-appellanti giet infurmata b' din id-decizjoni fit-13 ta' Marzu 2006. Fl-14 ta' Marzu 2006 l-appellanti giet ukoll infurmata bid-decizjoni tad-Direttur li ai termini ta' l-Artikolu 102 (1) tal-Kap. 318 id-Dipartiment kien qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' Lm776.95 liema ammont gie mhallas lill-appellanti fil-perijodu bejn it-3 ta' April 2004 u l-31 ta' Marzu 2006. L-appell odjern jirrigwarda din l-ahhar decizjoni u cioe` l-kwestjoni ta' l-overpayment izda ovvjament l-Arbitru irid bilfors jikkunsidra u jiddeciedi dwar ir-raguni li ghaliha twaqqaf il-beneficcju sabiex ikun imbaghad jista' jiddeciedi jekk inholoqx overpayment u jekk l-appellanti ghandhiex tirrifondi s-somma mitluba mid-Dipartiment.

Id-decizjoni tat-13 ta' Marzu 2006 ittiehdet mid-Direttur wara li huwa rcieva rapport ta' investigazzjoni li saret mid-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet (ara relattiva esebit fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2006) fejn huma pruvaw jistabilixxu n-natura tar-relazzjoni ezistenti bejn l-appellanti u Anthony Borg. Irrizulta li l-appellanti kienet flimkien ma' binha tghix ma' dan Anthony Borg. Waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2006 hija ddikjarat li dan Borg ma kienx blood relative izda hija kienet tikkunsidrah bhala z-ziju taghha u dan peress li huwa ghal zmien twil kien il-partner ta' ommha. Hija ddikjarat ukoll li hija kienet qed tghix mieghu ghaliex ma kellhiex fejn tmur toqghod u dan wara li hija kienet giet imkeccija minn ohtha u spjegat li Borg ma kienx imantni la lilha u lanqas lil binha. Hija spjegat ukoll li kienet ilha hafna tipprova tinghata akkomodazzjoni socjali.

L-Arbitru wara li sema' lill-appellanti u wara li kkunsidra certu cirkostanzi li gew riferiti lilu mid-difensur ta' l-istess appellanti waqt it-trattazzjoni ta' l-appell jidhirlu li l-versjoni tal-fatti moghtija mill-appellanti dwar in-natura tar-

relazzjoni taghha ma’ Anthony Borg hija kredibbli u ghandha tigi accettata mid-Dipartiment.

Ghal dawn il-motivi l-Arbitru jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ dan l-appell u konsegwentement billi jirrevoka d-decizjoni appellata.”

L-appell tad-Direttur lil din il-Qorti hu bazat fuq il-kontenzjoni illi d-decizjoni ta’ l-Arbitru kienet ibbazata fuq interpretazzjoni erronea tat-tifsiriet ta’ “familja” u “kap ta’ familja” fit-termini ta’ l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 318;

Fid-definizzjonijiet provvduti mil-Att dwar is-Sigurta` Socjali jinghad li “familja” tfisser “persuna wahda li fl-opinjoni tat-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikun jabitaw flimkien bhala familja” mentri “kap ta’ familja” komposta minn zewg persuni jew izjed tfisser “dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja”;

Huma evidentement distingwibbli minn dawn it-tifsiriet zewg elementi principali u, cjoe, li:

(1) dak li jifforma “familja” fis-sens ta’ l-Att in diskussjoni mhux bilfors taghmlu l-konsangwinita` jew iz-zwieg, ukoll jekk dawn mhux eskluzi, imma bizzejjed li jkollok bhala pre-rekwizit sitwazzjoni fejn zewg persuni junixxu ruhhom f’ relazzjoni ko-abitativa anke barra miz-zwieg;

(2) id-Direttur hu moghti diskrezzjoni biex jiddetermina fil-fehma tieghu l-ezistenza ta’ tali familja u tal-kap taghha;

Fir-rigward tat-tieni element tajjeb li jigi sottolinejat mill-ewwel illi dik id-diskrezzjonalita` tad-Direttur mhix assoluta. Li kieku kien dan, il-ligi ma kienx ikollha ghalfejn tipprovdi r-rimedju li wiehed jirrikorri lill-Arbitru ghas-sodisfazzjon u sostenn tad-dritt tieghu kontra l-ezercizzju ta’ dik id-diskrezzjonalita`. Gustament ghalhekk il-

legislatur haseb ghas-sindakabilita` tad-diskrezzjoni tad-Direttur skond ir-rit mill-Att provvdut;

Dan premess, fuq il-fatti kif ipprezentati quddiemu, l-Arbitru sab li kienu jezistu cirkostanzi konvincenti li jgeghluh jissostitwixxi dik l-istess diskrezzjoni tad-Direttur b' dik tieghu. Dan bil-motivazzjoni illi ghalkemm l-appellanti kienet hekk qed tabita flimkien ma' binha fil-fond ta' Anthony Borg, li fih dan kien ukoll residenti, din ma kienetx hekk tiddependi minnu ghall-manteniment taghha u ta' l-istess binha. Anke jekk espressament l-Arbitru dan ma qalitux, huwa intwittiv illi ma kienetx qed tikkonsidra lill-appellanti bhala komponenti tal-familja ta' l-imsemmi Anthony Borg;

Fuq ir-ri-ezami taghha tal-provi quddiem l-Arbitru din il-Qorti hi wkoll ta' l-opinjoni, *ex-facie* l-inkartament tal-kaz, illi l-konkluzjoni ta' l-Arbitru hi f' dan il-kaz wahda korretta u konformi mal-fatti attendibbli. Fil-fehma konsiderata taghha l-Qorti tahseb li mhux kull sitwazzjoni fejn tnejn minn nies jew aktar, ghax jghixu taht l-istess saqaf, ghanda tikkreja l-prezunzjoni illi dawn jifformaw familja. Dan ghar-raguni illi mhux eskluz, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, illi jista' jkollok qaghda fl-istess dar fejn ikunu separatament qed jabitaw aktar minn familja wahda, b' kap ghaliha, li jkunu indipendenti minn xulxin. Naturalment kollox jiddependi mill-fattispeci singolari u partikolari tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. L-importanti hu li meta tipprezenta ruhha tali sitwazzjoni wiehed m' ghandux jitlaq minn attitudni errata u koncett zbaljat illi ghax sempliciment l-persuni jkunu qed jabitaw fl-istess dar, *ergo* tezisti dejjem il-kwalifika ta' "familja";

Il-Qorti mhix qeghda b' daqshekk iccanfar lid-Direttur ghad-decizjoni li ha, ghaliex il-kawtela tieghu fejn jikkoncernaw fondi pubblici ma ghandha tonqos qatt. Sempliciment qeghda ssostni li, fuq l-elementi fattwali pervenuti f' dan il-kaz, l-interpretazzjoni diskrezzjonali taghhom ma kellhiex twasslu ghad-decizjoni mehuda

minnu. Gjaladarba ghalhekk il-Qorti ma ssibx li l-Arbitru affronta l-aggravju sottopost lilu b' vizjoni skorretta tal-fatti jew tal-ligi, mhux il-kaz li d-decizjoni appellata tigi ccensurata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------